MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Numru. 277/2006

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**Vs**

**CHRISTOPHER MICALLEF**

**Seduta ta' llum disgha w ghoxrin (29) ta' Settembru, 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CHRISTOPHER MICALLEF** ta' tlieta w ghoxrin sena, bin Joseph u Anna nee' Portelli, imwieled Pieta' nhar it-tlettax (13) t' April, 1982 u li joqghod 156, Flat 3, Triq San Kristofru, Belt Valletta, detentur tal-karta

tal-idenita' bin-numru 223582M, tressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu 2006, ghal habta tal-erbgha w nofs (4.30p.m.) ta' wara nofsinhar f'Burmarrad, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' flus, liema serq li huma kkwalifiakt bil-vjolenza numerika, bil-mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltija, sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija bl-isem "Burmarrad Commercials Ltd.".

U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom certifikat tat-twelid tal-imputat, u l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali l-kaz kontra l-imputat Christopher Micallef jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar il-hamsa t'April, 2006 xehed **is-Supretendent (allura Spettur) Carmelo Bartolo** li nforma lill-Qorti li dakinhar tal-21 ta' Marzu 2006 huwa kien  gie mgharraf mis-Superjuri tieghu li persuna li aktar qabel kien fil-kumpanija ta' zewg persuni ohra, u li li kien qed juza vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBR 771 tal-ghamla Toyota Corsa lewn il-fidda, kien seraq xi flus mill-istabbiliment bl-isem ta' Burmarrard Commercials, gewwa Burmarrad.  Kien gie nfurmat ukoll li xi haddiema tal-istess kumpanija kien irnexxielhom izommu lil din il-persuna u jergghu jehdulu l-flus li kien seraq, pero' aktar tard kien rega' rnexxielu jahrab minn fuq il-post.

Ix-xhud qal li minn stharrig preliminari kien irrizultalu li l-karozza kienet registrata fuq certu Joseph Micallef li

joqghod gewwa 156, Flat 3, Triq San Kristofru, Valletta, u li dan ir-ragel huwa ta’ eta’ avvanzata u li bl-ebda mod l-eta’ tieghu ma kienet tikkombaccja ma’ dik tal-persuni suspettati li kienu nvoluti f’din is-serqa. Kompla li huwa kien kellem lil Joseph Micallef personalment u li qabel kien dar dawra fl-inhawi biex jara jekk jarax din il-vettura pparkjata fil-vicinanzi, pero’ ma kinitx. Qal li dan Micallef kien qallu li ghalkemm il-karozza registrata fuq ismu, pero’ kienet tappartjeni lil ibnu Chris Micallef. Wara rrizultalu li dan huwa l-imputat, li gharaf prezenti fl-Awla.

Zied jghid li Joseph Micallef kien staqsieh jekk ibnu kienx gralu xi haga, peress li fil-passat kien involut fl-abbuz tad-droga, pero’ huwa wiegbu li ma kien gralu xejn. Ix-xhud zied li huwa kien staqsa lil Joseph Micallef jekk kellux oggezzjoni jekk jaghmel xi tfittxija fid-dar, u li dan ma sab l-ebda oggezzjoni allura hekk ghamel. Kien ukoll halla risposta lil Chris Micallef biex malli jirritorna d-dar imur sal-Kwartieri Generali tal-Puluzija. Chris Micallef mar id-Depot ftit hin wara, fejn gie avzat bid-drittijiet legali tieghu. Huwa nnega li f’xi hin dakinhar kien Burmarrad, anzi nsista li Burmarrad lanqas biss kien jaf fejn jigi.

Zied jghid li l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FBR 771 dakinhar kienet il-hin kollu fil-pussess tieghu, u li ma kien silifha lil hadd, anzi zied li biss biss sal-hamsa ta’ filghaxija kien ghadu l-Belt Valletta u li kien wahdu. Ix-xhud qal li fid-dawl ta’ dak li qallu Chris Micallef, li l-vettura kienet kontinwament ghandu, u li mill-banda l-ohra d-derubati kienu certi min-numru tal-vettura, dehrlu li kellu jzomm lil Micallef arrestat.

Ghalhekk kien gharraf lill-Magistrat tal-ghassa dakinhar li kien ser izomm lil Chris Micalef arrestat ghal aktar minn sitt sighat. Minn aktar stharrig irrizultalu li dakinhar ghal habta tal-erbgha w nofs ta’ wara nofsinhar zewg persuni kienu nizlu mill-karozza bin-numru FBR 771 li kienet ipparkjata mal-genb tal-istabiliment Burmarrad Commercials f’Burmarrad, u ghaddew minn quddiem il-garaxx tal-vulcaniser (li hu parti mill-istess stabiliment) u baqghu mexjin. Meta kienu mxew ftit nizlet persuna ohra mill-vettura, li kienet liebsa flokk ahmar, li baqa’ miexi

warajhom u resqu lejn fejn jinbieghu il-parts tal-karozzi. Irrizulta wkoll, skond ma qallu d-dirigent tal-kumpanija, li z-zewg persuni kienu marru fil-hanut u bdew isaqsu ghal bumper ta’ Toyota Corsa jew Tercel, pero’ malli gew murija xi parts , fil-hanut m’ghazlu xejn u allura dan qalilhom biex imorru mieghu sal-istore fejn kellu iktar affarijiet. Fil-fatt huwa dahal wahdu fl-istore u ghalaq il-bieb izda ma qaflux.

Sadanittant ftit wara dahlet fl-istore ukoll bint dan id-dirigent li rat lill-persuna tal-flokk ahmar, ta’ statura rqiqa u xaghru pjuttost bjond u ‘spiky’ bil-kaxxa tal-flus f’idejh. Din kienet pronta waqqfitu, dan inhasad u qalilha li shabu kienu qed jixtru bumper. F’daqqa wahda qam agha shih, bl-impjegati jwaqqfu lil dan il-guvni, w hadulu l-flus minn idejh, li kienu jammontaw ghal xi hames mitt Lira Maltin (Lm500), izda dan il-guvni telaq minn fuq il-post lejn il-karozza. Iz-zewgt irgiel l-ohra wkoll rikbu fil-karozza FBR 771, u rriversjaw. Sadanittant il-vulaniser gera ghal wara l-karozza u peress li nduna x’gara ghamel sinjal lid-dirigent tal-istabbiliment u dan lahaq ha n-numru tal-vettura. Pero’ huma lehqu harbu.

Ix-xhud ikompli jghid li meta kellem lil vulanciser, dan kien qallu li kien f’posizzjoni li jaghraf lil dan il-persuni, fil-fatt kien anke ddeskriva l-hwejjeg li kienu lebsin. Id-deskrizzjoni ta’ wiehed minnhom kien taqbel mal-hwejjeg li kien ghad ghandu fuqu Chris Micallef. Sussegwentement kienet saret Identification Parade fil-Kwartieri Generali, fejn kien anke prezenti l-Magistrat tal-Ghassa Dr. Antonio Mizzi, u l-vulcaniser kien gharaf lil Chris Micallef bhala wiehed miz-zewg persuni. Id-dirigent ukoll kien gharfu bhala wiehed miz-zewg persuni li marru jsaqsu ghall-bumper, pero’ beza’ jixhed quddiem il-Magistrat.

Aktar tard kienu gew elevati l-hwejjeg ta’ Chris Micallef u Chris Micallef rega’ gie mitkellem u mfakkar fid-drittijiet tieghu li seta’ ma jwegibx u li dak li kien ser jghid kien ser jitnizzel u jingieb bhala prova. Din id-darba Chris Micallef ghazel li ma jwegibx. Il-vettura tieghu ukoll giet elevata peress li kemm id-dirigenti kif ukoll il-vulcaniser gharfuha

bhala l-vettura li raw lit-tliet persuni jaslu w jitilqu biha minn fuq il-post. Huwa esebixxa formalment din il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBR 771, li giet esebita bhala Dok. CB1. Esebixxa wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Chris Micallef, konsistenti fi tliet faccati, mehuda fil-prezenza ta' PS430 Andrew St. John. Filwaqt li kkonferma l-firem tieghu u ta' PS430 fuq l-istqarrija, zied li l-imputat Chris Micallef ghazel li ma jiffirmax. Gew esebiti wkoll sett ritratti li ttiehdu minn PS1184 Grech fil-prezenza tal-Magistrat tal-ghassa Dr. Antonio Mizzi, immarkati bhala Dok. CB3. Esebixxa wkoll zewg envelopes issigillati li jikkontjenu l-hwejjeg elevati minn fuq l-imputat Chris Micallef f'din l-investigazzjoni, li gew esebiti bhala Dok. CB4 u CB5. Sussegwentement fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, qal ix-xhud, l-imputat odjern gie akkuzat u mressaq bl-akkuzi odjerni.

Sussegwentement nhar il-hdax ta' Marzu, 2010 is-**Supretendent Carmelo Bartolo** rega' xehed ( a fol. 68 et seq.) u esebixxa fedina penali aggornata tal-imputat Christopher Micallef, li huwa gharaf prezenti fl-Awla, li giet immarkata bhala Dok. CS.

Semghet ukoll lix-xhud **Emanuel Gauci** (a fol. 22 et seq.) jixhed nhar il-hamsa t'April, 2006 fejn iddikjara li huwa wiehed mid-dirigenti tas-socjeta' Burmarrad Commercials Ltd. Li tinsab go Burmarrad. Qal li fil-21 ta' Marzu 2006 huwa kien cempel il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn infurmahom li kien dahal xi hadd biex jisraqhom. Zied li waqt li kien fl-istabiliment kienet ghajtitlu Maria Gauci u wara xi ghaxar sekondi kien mar flimkien mal-imghallem tieghu Mario u sabu lil xi hadd fil-hanut. Maria Gauci kien ghalqitu gol-hanut, izda meta fethu l-bieb telaq jigri. Zied li certu Vincent baqa' jsegwih, u rah diehel go karozza bin-numru ta' registrazzjoni FBR 771. Qal ukoll li dan Vincent kien attiralu l-attenzjoni li l-karozza kienet se tghaddi minn quddiemhom fid-direzzjoni lejn San Pawl.

Ikkonferma li l-persuna li kienet fil-hanut taghhom, kienet ukoll f'din il-karozza. **Qal li jaghraf lill-persuna li kienet marret biex tixtri l-parts bhala l-imputat odjern**. Qal li l-persuna li kienet dahlet fil-hanut kienet liebsa jeans, top

ahmar u beritta blu, u kien irqiq u twil. Qal ukoll li bhala flus ma kien ha xejn, ghalkemm kien hemm hames mitt Lira (Lm500). Zied jghid li fil-hanut hemm skrivanija bil-kxaxen u go kexxun minnhom ghandhom kaxxa bil-flus. Huwa kompla jghid li Maria, li tigi kugintu, waqqfet lil din il-persuna ezatt fil-bieb, u qabel ma telaq jigri dan halla l-kaxxa mal-art, u li allura dan kien ifisser li huwa kien diga' dahal gewwa u ha l-kaxxa mill-iskrivanija. Ix-xhud zied jghid li l-bieb tal-aluminium ikun maghluq u c-cavetta tkun mal-bieb tal-firroll, u ghalhekk dan kien fetah il-bieb tal-aluminium bic-cavetta biex dahal. Ikkonferma li huwa ra lill-imputat odjern fl-istess hin mal-persuna li kienet dahlet gol-hanut biex tipprova tisraq il-flus.

Rat illi nhar il-hamsa t’April, 2006 xehdet ukoll **Maria Gauci** (a fol. 24 et seq.) li qalet li dakinhar kienet fil-main office taghhom diehla fl-ufficcju li ghandhom wara tal-parts, fejn is-soltu jhallu c-cavetta mal-firroll li tiftah il-bieb tal-garaxx tal-parts, izda dakinhar ma sabithiex hemm. Sabet il-bieb imbexxaq u dahlet, u hemm sabet guvni hiereg bil-kaxxa tal-flus li kellhom fil-hanut. Allura kienet pronta sakkret il-bieb u ghalqitu gewwa. Hemm kellhom radio u hi bdiet tghajjat lil Noel biex jigi malajr ha jiehu hand over. Qalet li staqsiet lil guvni x’kien qed jaghmel bil-kaxxa u dan qalilha li shabu kienu qed jixtru bumper u hu kien sejjer ihallas. Ziedet tghid li qaltlu li l-bumper kien se jhallsu bi flushom stess. Dak il-hin waslu hemm Noel u missierha, u malli fethu l-bieb il-guvni telaq jigri. Hija qalet li din il-persuna ma kinitx fl-Awla waqt li hija kienet qeghda tixhed. Hija stqarret li fl-ebda hin ma rat lill-imputat odjern fil-hanut taghhom. Qalet li ma’ genb il-bieb hemm showroom tal-karozzi u fuq hemm il-parts second hand, filwaqt li isfel hemm post fejn jigu pparkjati l-karozzi. Ikkonfermat li hija gharfet lill-istess persuna li dahlet fil-hanut taghhom bhala l-istess persuna li kien passiggier fil-karozza Toyota Tercel jew Corsa bin-numru FBR 771. Mistoqsija fejn jinsab il-garaxx taghhom fejn jissewwew it-tyres, hija wiegbet li dan qieghed iktar l’isfel fejn il-hanut tal-parts u fejn ix-showroom. Ziedet tghid li xi mpjegat iehor kien ghamlilha sinjal li l-persuna li kienet qed tixtri l-parts kienet rikbet din il-karozza u li lill-persuna li pprova

jisraq il-hanut rah iktar ‘il fuq u diehel fl-istess karozza fejn kien hem mil-parsuna li pprova jixtri l-parts.

Rat li nhar id-dsatax t’April, 2006 xehed **Christopher Darmanin** (a fol. 27 et seq.) li ddikjara li huwa kien qed jixhed ghan-nom u in rappresentanza tad-Direttur tal-Licenzji. Mistoqsi jghid x’licenzja ghandha l-vettura ta’ l-ghamla Toyota Corsa bin-numru ta’ registrazzjoni FBR 771, iddikjara li din tghajjat lil Joseph Micallef li jirrisjedi fil-fond 156, Triq San Kristofru, Valletta , u dan b’effett mill-10 t’Ottubru, 2005 detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 1015946M.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sbatax ta’ Mejju 2006 (fol. 36) sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi ttrattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Rat illi nhar l-erbatax ta’ Gunju, 2006 xehed **Joseph Micallef** (fol, 38 et seq.) li kkonferma li l-vettura Toyota Corsa bin-numru ta’ registrazzjoni FBR 771 kienet proprjeta’ tieghu minn xi sitta jew seba’ xhur qabel, u li fil-fatt isuqha hu u ghandu licenzja valida ghas-sewqan. Zied li effettivament ghadu jhallas il-kambjali fuqha. Qal ukoll li ibnu kien jahdem part-time u meta kien ikun xoghol bil-lejl kien juza din il-vettura. Matul il-gurnata t-tifel juza l-karozza biex imur jahsilha. Ix-xhud qal li hu ghandu disgha w haxsin sena. Cahad dak allegat mill-Prosekuzzjni li l-karozza hija ta’ ibnu izda registrata f’ismu, anzi nsista li l-karozza hija tieghu u juzaha hu. Imbaghad zied li xi gimgha qabel kien xtaq johrog bil-karozza, izda ma kinitx fil-pussess tieghu u kellha twasslu bintu.

Rat ukoll li nhar it-tlieta ta’ Lulju, 2006 xehed **Vincent Gauci** (et seq. 50 tal-process) li qal li jahdem f’hanut tat-tyres go Burmarrad bieb ma’ bieb ma’ fejn sehh l-incident, cioe’ mas-socjeta’ Burmarrad Commercials Ltd. Ftakar li f’xi hin kien barra hdejn il-bieb u giet karozza li pparkjat

hdejh.  Din kienet Toyota Tercel, silver celesti, u li minnha hargu tnejn min-nies.  Qal li hin minnhom ra lil wiehed minn dawn iz-zewg persuni jigri hafna u allua hass li kien hemm xi haga stramba.  Pero' zied li lill-persuna li telqet tigri huwa ma jaghrafhiex.  Zied ukoll li l-istess zewg persuni li kienu nizlu mill-karozza, kienu rikbu l-istess karozza, li din il-karozza mbaghad qasmet faccata u li hu baqa' jsegwiha u dawn iz-zewg persuni ghabbew persuna ohra minn hdejn l-iScotts.  Imbaghad dawru, regghu ghaddew minn quddiemu hdejn ir-round-about tac-cimiterju ta' Burmarrad.  Ikkonferma wkoll li l-imputat odjern huwa x-xufier ta' din il-vettura.  Mistoqsi min kienet il-persuna li t-tnejn l-ohra rikkbu fil-karozza, kkonferma li kienet l-istess persuna li qabel kien raha tigri.  Qal li sussegwentement sar jaf li kien dahal xi hadd gol-istores taghhom u pprova jisraq.  Mistoqsi wkoll jekk jaghrafx in-numru tal-karozza, stqarr li dakinhar kien hadu, pero' llum ma jiftakrux.  Meta staqsewh jekk xi hadd iehor kienx ha n-numru wkoll, qal li jista' jkun pero' ma kienx cert.  Sussegwentement gie mghajjat id-Depot tal-Pulizija biex issir Identification Parade, u hemm gharaf lix-xufier tal-karozza.  Urewh ukoll xi hwejjeg, fosthom jeans li kellu l-parti ta' quddiem 'faded' kannella, li hu gharaf bhala l-istess jeans li kien liebes ix-xufier.  Mistoqsi jekk giex muri xi hwejjeg ohra, qal li jista' jkun li ra xi flokk, pero' ma kienx cert.  Imbaghad zied li jista' jkun li l-persuna li kienet qed tigri kienet liebsa beritta, u li kien irqajjaq u twil.

Nhar it-tlieta ta' Lulju, 2006 xehed **Mario Gauci** ( a fol 52 et seq.) direttur tas-socjeta' Burmarrad Commercials. Mistoqsi x'jaf dwar dan il-kaz wiegeb li f'xi hin kienu ghajtulu li kien hemm xi hadd qed jisraq xi haga tal-flus, mar u sab lill-halliel gewwa.  Qal li sabu ezatt fil-mument li kien se jirhu l-kaxxa tal-petty cash, pero' malli wasal hu l-halliel halla l-kaxxa hemm u telaq jigri lejn l-iScotts.  Qal li sadanittant kien hemm impjegat tieghu li qallu li ra lil din il-persuna tifla' f'karozza Tercel u mbaghad raw karozza Tercel gejja lejhom.  Ikkonferma li l-persuna li qabad se tisraq kien riekba fuq wara ta' din il-karozza li kienet misjuqa minn haddiehor.  **Ikkonferma li l-imputat odjern kien is-sewwieq.**  Wara xi ftit minuti l-karozza regghet daret lejn il-Mosta u l-persuni ta' go fiha bdew iharsu lejh,

filwaqt li huma baqghu barra jarawhom. Qal li fil-prezent m'ghadux jiftakar in-numru tal-karozza, pero' jaf li t-tfal kienu kitbuh. L-ammont ta' flus ta' gol-kaxxa kien bejn it-tlieta w hames mitt Lira Maltin, pero' ma haduhomx. Qal li meta sejhulu huwa kien fl-ufficcju tieghu li jigi bieb ma' bieb u spjega li bejn l-ufficcju tieghu u fejn hemm il-garaxx tat-tyres hemm distanza ta' xi mitt metru.

Semghet lil **Josephine Darmanin** tixhed fis-seduta tal-hamsa ta' Lulju, 2006 (a fol. 56 et seq.) li gharfet lill-imputat Christopher Micallef bhala mpjegat maghhom part-time. Qalet li l-imputat ilu registrat bhala impjegat maghhom ghal dawn l-ahhar sentejn, u li hu jahdem filghaxijiet, fejn gieli jdumu sas-siegha jew is-saghtejn ta' filghodu, skond in-nies li jkollhom. Ikkonfermat li l-imputat ma jahdimx fix-shift ta' filghodu, izda biss dak ta' bil-lejl u li l-iktar li jahdem huwa fil-weekends u jekk jitolbuh jidhol matul il-gimgha.

Fil-hamsa w ghoxrin ta' Marzu, 2010 xehdet **Vicky Scicluna** addetta s-Sedqa, li ddikjarat li l-imputat prezenti fl-Awla, beda programm residenzjali mas-Sedqa fit-tmienja (8) ta' Marzu 2009, u waqt li kien qed jaghmel dan il-programm kompla jahdem mal-psychologist. Qalet pero' li dwar dan il-programm seta' jixhed ahjar Ray Grech, id-Direttur tas-Sedqa. Ikkonfermat inoltre li l-imputat beda, kompla w spicca l-programm, u sahansitra kien ghamel re-entry phase. Kompliet li Chris Micallef attenda ghal kull sessjoni li kellu mal-psychologist u ndirizza diversi problemi psikologici li kellu. **Insistiet li huwa estramament motivat sabiex jibqa' clean** u fil-fatt qed jahdem go Cafeteria u sejjer tajjeb hafna. Ziedet li s-sessjonijiet mal-psychologist ghadhom ghaddejjin kull gimgha, u issa Chris biddel hajtu u sar jemmen fih innifsu u jhares lejn il-hajja b'mod aktar posittiv. Qalet ukoll li huwa ghandu goals posittivi ghall-futur u fil-fatt qed jahdem f'sessions ohrajn li ghandhom x'jaqsmu ma' Social Life Relationships. Esebiet rapport rilaxxajat minn Dr. Sandra Darmanin, li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. JM. Ix-xhud ikkummentat li jekk l-imputat jintbaghat il-habs, l-istat psikologiku tieghu se jkollu regression kbira.

Rat ir-rapport tal-Clinical Psychologist Dr. Sandra Darmanin.

Rat ix-xhieda tad-Direttur tas-Sedqa Drug Rehabilitation **Ray Grech**, moghtija minnu seduta stante nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Marzu, 2010 fejn qal li fil-fatt huma kienu bdew jahdmu ma' Chris Micallef, prezenti fl-Awla, fis-sena elfejn u sebgha (2007), pero' dak iz-zmien ma tantx kellu motivazzjoni. Barra minn hekk fil-programm mieghu kein hemm certu hbieb, li ma tantx ghenuh. Zied li dak iz-zmien kien lesta l-fazijiet kollha w dahal re-entry u fir-re-entry ghamel xi zbalji, fil-frattemp kien gie kkundannat il-habs u minn hemm inghata prison leave biex jerga' jinzel is-Sedqa. Rega' beda f'Marzu 2009, u din id-darba mill-ewwel deher li kellu motivazzjoni ahjar u ghalhekk ix-xoghol li sar mieghu kien iktar effettiv. Fil-fatt huwa spicca l-fazijiet 'residential' u dahal semi-residential u mill-ewwel integra fix-xoghol. Jghid li Chris Micallef baqa' konsistenti u ghalhekk huwa (x-xhud) jemmen li llum huwa totalment differenti mill-programm ta' qabel. Kompla li jekk jghid sew, l-imputat hareg mill-habs f'Ottubru 2009, u issa qed jahdem regolarment mal-Cafeteria Café Royal fil-Belt Valletta, w jghix mal-ġenituri tieghu. Ix-xhud kompla sar ukoll hafna family therapy, ghaliex hemm diversi problemi familjari, u llum l-imputat jagixxi b'mod differenti fir-rigward tal-ġenituri tieghu. Kompla li l-imputat jista' jimrah biex jara x'hemm available fis-suq fir-rigward ta' catering u li l-boss tieghu lest li jghinu u fil-fatt qed jinghata aktar responsabilita' mill-imghallem tieghu.

Sussegwentement nhar is-sitta ta' Lulju, 2010 xehdet **Dr. Sandra Darmanin** li kkonfermat ir-rapport taghha tat-22 ta' Marzu, 2010, esebit fl-atti immarkat bhala Dok. JM. Filwaqt li gharfet il-firma taghha fuq dan ir-rapport, ikkonfermat il-kontenut tieghu. Qalet li ssegwi lill-imputat darba fil-gimgha ghat-terapija. Iddeskriviet lill-imputat bhala wiehed mir-residenti ta' Santa Marija li verament ghandu motivazzjoni, w bhala terapija hadem hafna fuq issues delikati. Mistoqsija ghaliex waslet ghal din il-konkluzjoni sostniet li l-imputat spicca l-programm li kellu jaghmel u bhalissa l-ambjent li jinsab fih huwa wiehed healthy hafna, izda jekk jinbidel dan l-ambjent hemm

mnejn illi certi affarijiet jinbidlu wkoll. Ziedet ukoll li l-imputat ghandu jkompli jsegwi s-sessjonijiet tas-Sedqa.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kien l-imputat li ttenta jisraq il-kaxxa tal-flus minn gol-istabbiliment Burmarrad Commercials u jirrizulta wkoll li f'din il-kaxxa kien hemm is-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500). Emanuel Gauci jaghraf lill-imputat bhala l-persuna li dahlet tixtri l-parts minghandu, w Vincent Gauci jaghraf lill-imputat bhala l-persuna li kienet qed issuq ir-*run-away car*. L-imputat fl-ebda hin ma jipprova jaghti xi spjegazzjoni ghall-presenza tieghu fuq il-post dakinhar, kif spjegat minn Emanuel u Victor Gauci, anzi meta l-pulizija baghtet ghalih jghid li kien il-Belt fil-hin tal-allegata attentata serqa. Illi ghalhekk a bazi ta' dawn il-fatti li ma gewx kontestati mill-imputat, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' attentat ta' serq ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500), liema serqa kienet ser tkun aggravata bil-vjolenza numerika w bil-valur stante li l-ammont li kien hemm fil-kaxxa kien jeccedi il-mitt Lira Maltin (LM100).

Illi din il-Qorti ma ssibux hati tal-akkuza ta' serq aggravate, izda ta' attentat ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika w bil-valur.

Dwar il-piena l-Qorti rat il-Fedina Penali tal-imputat, li ma tantx tawgura tajjeb, u dan ghaliex fi zmien ghaxar snin instab hati ta' tmien *convictions*, fost ohrajn dwar pussess ta' droga, diversi serqiet, falsifikazzjoni, ricettazzjoni w talli kkaguna feriti fuq ommu. Ghalhekk il-Qorti ma tantx thoss li ghandha tkun klementi mieghu meta tigi biex terroga il-piena.

Pero' min-naha l-ohra semghet lil Ray Grech u lil Vicky Scicluna in rappresentanza tas-Sedqa, w lill-Psikologa Sandra Darmanin jghidu li l-imputat biddel hajtu, ghamel programm shih ta' riabilitazzjoni kontra d-droga u li illum il-gurnata l-imputat ghandu mpjieg fiss u gharaf il-valuri tal-hajja. Ilkoll qalu li jekk l-imputat jintbaghat il-habs, is-sentenza li ser tinghata sejra tkun aktar ta' detriment

ghalih milli t'ghajnuna. Il-psikologa ghamlet rakkomonadazzjoni sabiex l-imputat ma jintbaghtx il-habs. Qalet li ghandu motivazzjoni tajba sabiex jibqa' fit-triq it-tajba.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta', li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha, u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Il-Qorti ghalhekk thoss li ghandha taghti l-ahhar cans lill-imputat sabiex tghinu jibqa' fit-triq it-tajba, w dan billi ser tpoggih taht ordni ta' Probation, bil-gwida ta' Probation Officer, bil-ghan li jibqa' fit-triq it-tajba. Din il-Qorti sejra tordna li dan jingieb quddiemha darba kull erba' xhur sabiex tammonih xi tfisser din l-ordni li qed tinghatalu, u dan ghaliex ser isservi bhal mannara fuq rasu, w jekk jizbalja jerga' jigi quddiemha, w din id-darba jkollu il-piena ta' habs tistennih.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara, li rat l-Artikoli tal-Ligi, w cioe' Artikoli 41 (1) (b), 49, 50, 262, 267 u 276 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, <u>tiddikjara li mhux qed issibu hati tar-reat ta' serq izda ta' attentat ta' serq aggravat bil vjolenza numerika, kif ukoll talli huwa recidiv</u>, u ghalhekk qieghda tpoggih taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu massimu permess mil-Ligi ta' tliet snin, u dan ai termini ta' l-Artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti mhix ser tordna konfiska tal-vettura li giet esebita mis-Supretendent Carmelo Bartolo, peress li din tghajjat lill- missier l-imputat, u cioe' lil Joseph Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------